# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-5 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**05/01** **Talba**

**05/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**05/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 4**

**05/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**05/03** **Punti imtella' mill-Minuti 4**

**05/03/01** **Para 04/03/01:** L-applikazzjoni mal-Enemalta għall-bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra saret u qegħda pendenti.

**05/03/02** **Para 04/03/02:** Ġie deċiż li l-linja s-safra fi Triq l-Oratorju tibqa' pendenti u tiġi diskussa fil-laqgħa ma TM flimkien mat-tabella li tindika li l-Pjazza hi two-way. Il-Kunsillier Christopher Fenech issuggerixxa li fi Triq l-Oratorju kantuniera mal-Pjazza tehel tabella 'Black Spot' biex turi l-periklu li hemm. Wara diskussjoni gie deciz li dan is-suggeriment jigi diskuss ukoll ma TM halli narax liema l-ahjar tabella li tehel.

**05/03/03** **Para 04/03/03:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saru l-avviżi għal sejħa pubblika għal servizzi ta' perit u għall-knis u qtugħ ta' ħaxix fit-toroq mhux urbani. Il-Vici Sindku fakkar sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tal-Green Procurement Department.

**05/03/04** **Para 04/03/04:** Ġie deċiż li jitħallas l-ammont pendenti lill-KMS wara li dan ġie vverifikat.

**05/03/05** **Para 04/03/08:** Wara li t-tliet kandidtati *shortlisted* irrifjutaw il-post ta' *part-time clerk*, ġie deċiż li tintalab awtorizzazzjoni tad-DLG u tal-ETC biex issir is-sejħa *external*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**05/03/06** **Para 04/03/10:** Għandhom jinħarġu s-sejhiet għal dawn is-servizzi:- servizz ta' accountant, provvista' ta insurance cover, provvista' ta tabelli u sinjali tat-traffiku.

**05/03/07** **Para: 04/05/06:** Ġie innutat li nxtara l-bin u għad irid jitwaħħal.

**05/03/08** **Para: 04/06/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet l-ittra lill-MEPA fejn turi li l-Kunsill qed jappoġġja l-applikazzjoni għat-Torri ta' Semaforu.

**05/03/09** **Para: 04/06/05:** Ġiet innutata li għadha pendenti l-kwistjoni ta' rati bejn il-WSC u l-Kuntattur tal-Kunsill rigward ir-*resurfacing* ta' Triq Fra Duminku Mifsud.

**05/03/10** **Para: 04/07/01:** Wara diskussjoni, ġie deċiż li ssir talba lill-TM biex Triq Għaxqet l-Għajn tingħalaq ghat-traffiku permezz ta' *bollards* li jekk ikun hemm bzonn ikunu jistghu jinqalghu. Dan sabiex iż-żona ta' Top of the World tkun aċċessibbli biss bil-mixi.

**05/03/11** **Para: 04/07/03:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-qtugħ tal-ħaxix (one time) tat-triq li twassal għall-post tan-nar ser jiġi 250 Ewro inkluż il-VAT.

**05/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**05/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Kien qbil unanimu ukoll li tigi approvata l-lista tal-*petty cash*.

**05/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**05/05/01** 18115061229932 Talba biex tehel traffic hump fi Triq Santa Katerina. Ġie innutat li din hija parti mix-xogħol li għandhom jagħmlu l-*Works Division.* Għandha tintbagħat *reminder* fuq dawn ix-xogħlijiet.

**05/05/02** 18115054229927 Talba biex l-ewwel bus stop fi Triq San Ġwann jersaq ftit 'il fuq fejn hemm bankina peress li fix-xitwa jkun hemm ħafna ilma. Il-Kunsill innota li suppost il-Gvern ghandu jaghmel culvert biex itaffi din il-problema tal-ilma. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment. Ġie deċiż li fil-vicin jerga jinzebagh line abjad ghaliex diversi vetturi qed jipparkjaw b'mod abbusiv.

**05/05/03** 18115048230478 Talba biex isiru tabelli fi Triq il-Kbira biex ma jgħaddux vetturi kbar u biex jindikaw li hemm *traffic hump*. Għandha ssir site inspection u jekk dawn mhux f'posthom, għandhom isiru.

**05/05/04** Ġie deċiż li jinbidel fanal fi Triq San Nikola peress li dan tkisser bir-riħ qawwi.

**05/05/05** Ġie deċiż li jsiru *parking bays* u marki tat-toroq fi Triq Karm Fenech u Triq il-Kbira skont il-bzonn.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**05/05/06** Diversi ilmenti peress li inbidlu l-ħinijiet tal-ġbir ta' skart imħallat f'ċerti toroq. Ġie deċiż li jintbagħtu avviżi skont il-bżonn.

**05/05/07** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat SKQS ser jorganizza Buffet Breakfast fil-Lukanda Santana fl-14 ta' Lulju 2015. Aktar dettalji jinghataw fil-laqgha li jmiss. Għandha ssir laqgħa follow-up mal-LEAP bit-tema Crime Prevention.

Is-Sur Carl Grech skuża ruħu mil-laqgha fis-7.25pm.

**05/05/08** Kien hemm diskussjoni rigward in-nuqqas ta' solvejanza mill-Pulizija fir-rahal specjalment filgħaxijiet fejn qed ikun hemm numru ta' vetturi pparkjati illegalment fil-Pjazza u fit-toroq tal-vicin. Is-Sindku ser jiehu hsieb ikellem lill-Ispettur tad-Distrett.

**05/05/09** Talba biex Triq Dun Karm Vella ssir One Way. Gie innutat li TM kienet diga approvat li din issir one-way fid-direzzjoni ta' Triq il-Gnien.

**05/06** ***Korrispondenza***

**05/06/01** Kien hemm diskussjoni rigward laqgħa rigward it-Traffic Management fis-6 ta' Lulju 2015 mal-Ministru Joe Mizzi.

**05/06/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-GPD fejn dawn ikkonfermaw li l-Kunsill huma responsabbli għall-permessi ta' attivitajiet ta' ġurnata fil-postijiet pubbliċi. Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jaghtix permessi biex isiru parties etc. fi Gnien il-Paci.

**05/06/03** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA.

**05/06/04** Kien hemm diskussjoni rigward dikjarazzjoni tal-President ta' Malta rigward akkwisti ta' art fil-Għargħur. L-Agent S.E. intalab jikseb aktar dettalji minghand id-Dipt tal-Artijiet.

**05/06/05** Gie ipprezentat rapport mahrug mir-Regjun Tramuntana li juri c-citazzjonijiet li hargu l-Gwardjani Lokali matul l-2015.

**05/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**05/07/01** Is-Sindku fakkar lill-Kunsill bl-attività ta' Clean Up il-Ħadd, 28 ta' Ġunju 2015 Kien hemm diskussjoni wkoll fuq l-attività tal-Majjalata li ser issir fl-10 ta' Lulju 2015 li ser issir flimkien ma l-ghaqdiet tar-rahal. Is-Sindku informa li l-Kunsill mhux ser johrog spejjez ghal din l-attivita'.

**05/07/02** Is-Sur Mark Azzopardi tkellem fuq l-attività ta' Jum il-Għargħur fis-16 ta' Lulju 2015. Ġew approvati l-ispejjeż għal din l-attività li jinkludi kantanti, żeffina, kor, kiri ta' arbli, siġġijiet u fotografu.

**05/07/03** Il-Vici Sindku spjega lill-Kunsill il-proċedura li trid tigi segwita halli l-Kunsill ma jitlifx fondi taht Measure 125 u dan sabiex ikunu jistghu jinksew aktar sqaqien bil-konkos. Is-Sindku u l-Agent S.E. ser jiehdu hsieb isegu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**05/07/04** Il-Kunsill ġie nfurmat li EO tal-Kunsill kien imissha l-increment tas-salarju. Il-Kunsill unanimament approva.

**05/07/05** Il-Kunsill innota li diversi permessi sabiex jintramaw cranes etc.kienu hargu bi zbalji. Il-Kunsill iddecieda li dawn ghandhom jigu iccekkjati sew ghaliex kienu qed jinholqu l-problemi. Gie innutat ukoll li hawn xi kuntratturi li waqqfu strutturi fuq art pubblika minghajr permess. Dawn ser jintalbu sabiex jigu jaghmlu permess.

**05/07/06** Giet ipprezentata risposta ghall-Management Letter. Din giet approvat unanimament. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb li tintbaghat fil-hin. Il-Vici Sindku fakkar fl-importanza li l-Minuti approvati tal-Kunsill jitpoggew fuq il-website tal-Kunsill u dik tal-Gvern kif ukoll ghandhom jitpoggew l-*Audited accounts* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2014. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb. Gie innutat ukoll li l-Accountant ghadu ma ipprezentax l-ebda Management accounts din is-sena u il-Quarterly Financial Report li suppost intbaghat lid-DLG ghadu pendent. L-Agent S.E. intalab isegwi.

**05/08** **Aġġornament**

**05/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.25 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2015 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |